MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 360/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann Fenech)**

**vs.**

**Aphron Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Aprhon Agius detentur tal-karta tal-identita' nru 150375M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Gunju, 2009 u matul l-ahhar tnax-il xahar, ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u liema reat gie kommess

fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll miltuba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fid-29 ta’ Mejju 2009, certu Addie Magri wera x-xewqa li jghin lill-Pulizija dwar kaz li kellu relatat mad-droga, billi jikxef minghand min hu kien xtara d-droga herojina.
2. Addie Magri rrilaxxa stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa fejn qal li fil-gurnata in kwistjoni hu kien xtara pakkett droga herojina minghand l-imputat, u li gieli xtara din id-droga minghandu qabel.
3. Xi granet wara, il-Pulizija ghamlu xoghol ta’ sorveljanza fl-intorni tar-residenza tal-imputat u kif l-imputat hareg mir-residenza tieghu bejn id-9.30a.m. u l-10.00a.m. ghamlulu tfittxija fuq il-persuna tieghu u sabu bott zghir li fih seba’ (7) pakketti zghar tal-plastic, bi trab kannella

suspettata li kienet herojina, u kapsola tal-plastic suspetta li kien fiha l-herojina wkoll u sabu wkoll €50 Euro fi flus kontanti u mobile phone.

4. Fit-tfittxija li saret fil-flat tal-imputat, dak il-hin stess, instabu *inter alia* mizien digitali, ammont ta' sim cards, pipa li dehret li kienet uzata u kienet mahruqa, zewg speci ta' xammiemi, boroz u romblu tal-clingfilm li go nofsu kien hemm hafna kantunieri u boroz tal-istess tip bil-kantunieri neqsin, mgharfa maqruqa, pipes tal-foil bi tracci mahruqa, roll tape isfar, pouch iswed li fih kien hemm siringi u mobile iehor.
5. L-imputat ghazel li ma jirripondi ghall-ebda domanda li saritlu waqt l-interrogatorju tal-Pulizija.
6. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[1]

   *" a) li ma kienx hemm mechanical fit bejn il-bicciet ta' plastik li kien fihom it-trab kannella u li kienu fid-dokument 444/09/02 u l-bicciet tal-plastik li kien hemm fid-dokument 444/09/05 u lanqas ma kien hemm mechanical fit bejn it-tape isfar li kien hemm ma' speci ta' bocca fid-dokument 444/09/02 u tape isfar li kien mar-roll fid-dokument 444/09/08;*

   *b) li ma nstabux sustanzi illegali go tubu tal-plastik li kien hemm fid-dokument 444/09/04;*

   *c) li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca foil u 04 bicciet ta' foil irrumblati li kien hemm fid-dokument 444/09/01, il-mizien eletroniku li kien hemm fid-dokument 444/09/03 u l-imgharfa li kien hemm fid-dokument 444/09/06;*

   *d) Li fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fl-ispeci ta' bocca tal-plastik safra u fis-07 boroz zghar fid-dokument 444/09/02, f'ammont nett totali ta' 9.44 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita medja tat-trab il-kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 43.5%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Fl-opinjoni tal-Qorti huwa opportun li l-Qorti tikkunsidra z-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat separatament.

[1] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 58 tal-process.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Traffikar tad-Droga Herojina*

Il-Prosekuzzjoni qed issejjes din l-imputazzjoni fuq ix-xhieda li ta Addie Magri fl-istqarrija guramentata tieghu[2] u fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Pero, meta wiehed jikkumpara dak li qal Addie Magri fl-istqarrija tieghu u dak li qal fix-xhieda tieghu, wiehed isib diversi inkonsistenzi. Il-Qorti tosserva s-segwenti:

1. Fl-istqarrija guramentata Magri jghid li lill-imputat kien ilu jafu xi ghaxar snin, u ghamel xahar jixtri minghandu d-droga herojina. Huwa kien jghid li kien jixtri pakkett tat-€30 kwazi kuljum.
2. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Magri jghid li apparti d-darba li xtara d-droga minghand l-imputat u li fuqha kellu l-kaz, huwa kien xtara *"xi drabi zghar ohra".* Meta mistoqsi jghid minn din il-Qorti (diversament preseduta) kemm-il darba xtara huwa wiegeb hekk:[3]

*"Xhud: tlett gimghat, xahar, ma nafx*

*Qorti: Imma fi tliet gimghat kemm xtrajt?*

*Xhud: Forsi darba kuljum jew forsi naqbez gurnata, hekk hux*

*Qorti: Mort tixtri 4 darbiet minghandu fi tliet gimghat?*

*Xhud: Iva*

*Qorti Mela 4 darbiet zgur mort tixtri. Iktar minn 4 darbiet mort tixtri?*

*Xhud: Forsi naqra aktar."*

3. Wara li ta din ix-xhieda, l-Ufficjal Prosekutur qara lil Magri l-istqarrija guramentata li kien ghamel, u Magri rega' ikkonfermaha bil-gurament. In kontro-ezami Magri jerga' jtenni li ghamel xahar

[2] Ara l-process verbal tal-istqarrija guramentata a fol. 17 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Addie Magri a fol. 26 tal-process.

*"zgur"* jixtri d-droga minghand l-imputat u kien jixtri kull meta jkollu l-flus u jghid hekk *"Jekk xahar fih 30 gurnata, aqta' 10 minnhom ghax ma jkollix flus."*[4]

4. Fil-kontro-ezami ulterjuri Magri xehed li hu xtara d-droga minghand l-imputat *"forsi jien naf 10 darbiet. Ma nafx ezatt"* u dan fuq perjodu ta' xi sena.[5] Iktar tard, meta rinfaccat bix-xhieda li ta fis-seduta precedenti, Magri jghid li kien difficli ghalih li jixtri d-droga kuljum, ghax ma kienx jahdem, u ghad-droga kien jonfoq bejn €25 u €30 kull darba li jixtri.[6] Iktar tard, Magri jghid li ma kienx ilu sena jixtri minghand l-imputat, imma *"forsi 8 xhur".*

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi fix-xhieda tieghu, il-Qorti ma tqisx li Magri hu xhud kredibbli. Dan aktar u aktar meta Magri stess ammetta fix-xhieda tieghu li huwa kien instab hati talli halef il-falz f'kawza tad-droga. Dan jirrizulta wkoll mill-fedina penali ta' Addie Magri.[7] In oltre, mill-provi jirrizulta li Magri u l-imputat huma girien, u li Magri kien jaf li l-imputat kellu kaz mal-Pulizija dwar drogi.

F'dan l-istat tal-provi u f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ghandha dubbju ragonevoli li Magri ma xehedx il-verita, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*It-Tieni Imputazzjoni – Pussess Aggravat tad-Droga Herojina*

Mhux kontestat li l-Pulizija sabu fuq il-persuna tal-imputat seba' boroz zghar bid-droga herojina u speci ta' bocca tal-plastic safra, li kien fihom id-droga herojina. Il-piz tal-boroz zghar kien is-segwenti: 0.28g, 0.89g, 0.91g, 0.94g, 0.9g, 0.32g u 0.33g u fil-bocca s-safra kien hemm 4.87g.[8] Minn tfittxija li saret fil-flat tieghu, instabu diversi affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga herojina, inkluz mizien elettroniku u diversi kantunieri tal-plastic, pero ma nstabet l-ebda droga.

[4] Ara xhieda ta' Addie Magri a fol. 29 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Addie Magri a fol. 88 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Addie Magri a fol. 97 tal-process.
[7] Ezebita a fol. 82A tal-process.
[8] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud.

Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk l-ammont totali ta' 9.44 grammi herojina li nstabu fis-seba' boroz tal-plastic u fi speci ta' bocca fuq il-persuna tieghu kienux ghal uzu tieghu personali - kif qed jallega hu - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottomettiet li f'kaz ta' imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni tal-imputat li jispacca d-droga.[9] Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji*

[9] Ara trattazzjoni orali tad-difiza a fol. 108 tal-process.
[10] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[11] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li indizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[13]

L-ammont ta' 9.44 grammi herojina mhux wiehed li wiehed normalment jassocja mal-uzu esklussiv tal-imputat. Kif inhu notorju f'dan il-qasam id-dosa tipika ta' herojina hija ta' 0.2 grammi u ghalhekk l-imputat kellu fuqu ekwivalenti ta' medja ta' 47 (9.44 g divizi bi 0.2 g) dozi tipici ta' herojina. In oltre skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta), pussess ta' droga herojina huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ma jkunx ta' izjed minn 2 grammi.

Il-Qorti ma tista ssib l-ebda spjegazzjoni logika ghalfejn l-imputat kellu johrog mir-residenza tieghu bid-droga kollha li kellu fil-pussess tieghu, cioe 9.44 grammi herojina, fid-9.30a.m. ta' fil-ghodu. Il-Qorti kienet tifhem li l-imputat, la kellu l-vizzju tad-droga, seta' ragonevolment kellu fuqu doza jew tnejn ta' droga, sabiex jabbuza minnha waqt li jkun barra, pero certament mhux johrog b'ammont ta' 9.44 grammi. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn hareg b'dan l-ammont konsiderevoli ta' droga u ghalfejn ma halla l-ebda droga fir-residenza tieghu, fejn wiehed jippretendi li kellu jhalli d-droga sabiex jikkunsmaha meta jigi lura d-dar.

---

[12] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

[13] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

Inoltre l-Qorti ma tista’ ssib l-ebda spjegazzjoni ghalfejn is-seba’ pakketti herojina li nstabu fuq l-imputat kellhom pizijiet sostanzjalment differenti li jvarjaw minn 0.28g ghal 0.94g. Min jabbuza d-droga normalment jiehu dozi li bejn wiehed u iehor ikunu tal-istess piz.

Huwa vera li kif issottomettiet l-avukat difensur fit-trattazzjoni orali l-mizien elettroniku li nstab fir-residenza tal-imputat seta’ kien qed jintuza mill-imputat biex jikkontrolla kemm qed jiehu droga.[14] Pero dan ma jispjegax ghalfejn id-dozi ta’ herojina li nstabu fuq l-imputat kienu ta’ pizijiet sostanzjalment differenti. Inoltre, fir-residenza tal-imputat instabu diversi boroz kantunieri u boroz tal-istess tip bil-kantunieri neqsin. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kellu bzonn dawn il-boroz kantunieri kollha.

Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi u osservazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rigward l-aggravanti tad-distanza, fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2009[15] gie verbalizzat hekk *“Id-difiza, minghajr pregudizzju ghall-htija o meno tal-imputat, qed tiddikjara li taqbel li r-residenza tal-imputat hija inqas minn mitt metru boghod minn skola u li ghalhekk ma hemmx ghalfejn jinhatar perit sabiex jaghmel dan il-kejl.”* Fis-seduta tal-5 ta’ Frar 2010[16] gie verbalizzat hekk *“Id-difiza, minghajr pregudizzju, jekk l-imputat jinstab hati tar-reat, qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli titlob ghall-hatra ta’ espert biex ikejjel id-distanza. Ghalhekk f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, id-difiza qed taccetta li r-reat ikun sehh within 100 metres.”* Konsegwentement, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-aggravanti taht it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

---

[14] Ara trattazzjoni tad-difiza a fol. 108 tal-process.
[15] Ara fol. 38 tal-process.
[16] Ara fol. 63 tal-process.

L-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat m'hux wiehed negligibbli – kif diga inghad iktar il-fuq, minn dan l-ammont johorgu cirka 47 dozi tipici.

Ghalkemm ma fihiex numru kbir ta' kundanni, il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda felici. Din il-fedina penali fiha tminn (8) kundanni, tlieta (3) minnhom relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, tnejn ma' pussess semplici tad-droga, u tnejn ohra ta' pussess semplici tad-droga herojina fil-Facilita Korrettiva ta' Kordina, u kundanna ohra ghal importazzjoni ta' droga, tentattiv ta' traffikar ta' droga u pussess aggravat tad-droga herojina. Ghal din l-ahhar kundanna l-imputat wehel erbatax(14)-il sena habs u multa ta' €32,000.

Billi l-imputat qed jinstab hati tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena trid tizdied bi grad.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-*

*cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* F'dan il-kaz, ma jirrizultax, li l-imputat ghamel xi programm residenzjali, fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnha, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' tlett snin u nofs prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elfejn u seba' u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2097.85), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------